MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2012

Numru. 373/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR ROBERT VELLA**

**VS**

**GRAZIA BEJAOUI NEÉ XUEREB**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Grazia Bejaoui nee Xuereb, detentrici tal-karta tal-identita` numru 134665 (M).

**Akkuzata talli:**

1. F’dawn il-Gzejjer, nhar il-21 ta` Jannar 2011, ghall-habta tal-10:00 ta` filghodu, volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe` vettura bin-numru ta` registrazzjoni DBJ 415 tal-ghamla Toyota ghad-dannu ta` Salvino Mifsud liema hsara teccedi €116.47 izda ma tiskorrix €1164.69 u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebbet ghall-imsemmi Salvino Mifsud sabiex tingurjah, iddejqu jew taghmel hsara lilu jew il haddiehor u dan bi ksur l-Artikolu 339 (1) (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

3. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi ghamlet lil haddiehor ingurji jew theddid mhux imsemmija band’ohra f’dan il-kodici, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b’mod li hareg barra mil-limiti u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (1) (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

4. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi kisret il-kwiet u l-buon ordni pubblika b’ghajjat u glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

5. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi minghajr ma darbet jew sawtet, heddedt bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew wadbithom lil Salvino Mifsud u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

6. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi ghamlet lil Salvino Mifsud ingurji jew theddid mhux imsemmija band’ohra f’dan il-Kodici, jew jekk kienet ipprovokata, ingurjat b’mod li hrigt il-barra mil-limiti u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (1) (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

7. U fl-ahhar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta` Salvino Mifsud weggghatu bi kliem, gesti, b’kitba, b’disinji jew b’xi mod

iehor u dan bi ksur tal-Artikolu 252 (1) (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta` htija tipprovdi ghas-sigurta` ta` Salvino Mifsud billi tapplika l-provvedimenti ta` Artikolu 383, 384, 385 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat l-Artikoli indikati; u cioe l-Artikoli 325 (b), 339 (1) (d), 339 (1) (e), 338 (dd), 339 (1) (b), 339 (1) (e), 252 (1) (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-Qorti qed issib lill-imputata hatja u ghaldaqstant tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-llum ai terminu tal-Artilkolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Illi din il-Qorti tordna lill-imputata thallas is-somma ta` sitt mitt ewro (€600) lil Salvino Mifsud fi zmien sitt (6) xhur mil-llum ai terminu tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Illi din il-Qorti tordna lill-imputata bl-ebda mod ma tkellem, idejjaq jew timmolesta lil Salvino Mifsud jew membri ohra tal-familja tieghu fil-perjodu ta` sena mil-llum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------